**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 138/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**Liam Azzopardi**

**Illum 23 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Liam Azzopardi, 28 sena, bin John u Jacqueline nee' Lia, imwieled Pieta', nhar il-24 ta' Ottubru, 1988, residenti fil-fond numru 86, Flat 1, Triq il-Vittorija, Senglea, detentur tal-karta tal-identita' numru 489888M.

Akkuzat talli fil-15 ta' Frar, 2015 geww Triq Santa Teresa, Bormla.

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' mija u tletin ewro (€130.00) ghad-detriment ta' Brendon Psaila u/jew Bank of Valletta.

2. Talli fl-istess data lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' mija u tletin ewero meta uza l-Cashlink Card tal-Bank of Valletta bi hsara ta' Brendon Psaila, u/jew Bank of Valletta.

3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ghad-dannu ta' Brendon Psaila u/jew Bank of Valletta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 23 ta' Novembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', current incident report, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, dikjarazzjoni ra' rifjut tal-jedd tal-parir legali, stqarrija, ircevuta, fedina penali.
Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u cioe' fl-ewwel opportunita' moghtija lilu, u l-fatt li l-imputat ghadda l-ammont kollu misruq lill-Brandon Pisani, tqis li m'ghandhiex taghti piena ta' habs effettiva.

Rat illi t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi huma alternattivi ghall-ewwel (1) akkuza.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 308, 285, 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**